MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2014

Numru. 926/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs.**

**Noel Degiorgio**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Noel Degiorgio ta' 31 sena, bin Joseph u Mary nee' Grech, imwieled il-Pieta' fil-15 ta' Dicembru, 1976 u joqghod fil-fond numru: Nru. 10, Triq Alessandra, Bormla, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 41877(M)

Akkuzat:

1. talli filwaqt li kien fir-residenza tal-genituri tieghu fi Triq Alessandra, Bormla, nhar l-4 ta' Awwissu, 2008 ghal habta tad-9:00 ta' fil-ghodu, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta' missieru Joseph Degiorgio, minn Bormla, f'periklu car, ikkagunalu ferita ta' natura gravi, kif iccertifika Dr. Robert Gauci M.D. mic-Centru tas-sahha ta' Bormla, liema ferita iggiblu debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc.

2. talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal pubbliku ghamel reat li kellu jissorvelja li ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kien fid-dmir tieghu li jimpedixxi milli jsiru tali reati.
3. talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, wara li gie pprovokat, ingurja lil missieru Joseph Degiorgio, b'mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni.
4. talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, stieden ghall-glied lil missieru Joseph Degiorgio.
5. talli fl-istess data, hin u lok, hebb kontra l-persuna ta' missieru Joseph Degiorgio, sabiex jingurjah jew jghamel hsara lill-istess.
6. talli fl-istess data, hin u lok, volontarjament kiser il-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku.
7. talli, nhar l-4 ta' Awwissu, 2008, ghal habta tad-9:00 ta' filghodu, u fil-granet u x-xhur ta' qabel, gab ruhu b'tali mod li kkaguna lil haddiehor biza' li se tintuza vjolenza kontra taghhom, meta hu kien jaf jew missu kien jaf li, b'tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza'.

Barra minn dan, talli fl-istess cirkustanzi sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema saru definittivi.

Il-Qorti hi mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383, 384 u 395 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hi mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-11 ta' Frar, 2009,[1] li fiha esprima l-fehma li l-imputat jista' jinstab hati taht is-segwenti artikoli:

(a) l-artikoli 214 u 216(1)(b)(d)(2), 222(1)(a), 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) l-artikoli 339(1)(d), 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) l-artikoli 382(A), 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) l-artikoli 49, 50 u 51 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li semghet lill-imputat jiddikjara li ma' kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jinstema' bi procedura sommarja, u li jigi deciz minn din il-Qorti.

Wara li semghet ix-xhieda, u rat l-atti kollha u d-dokumenti ezebiti.

Wara li rat li l-partijiet la ghamlu trattazzjoni orali u lanqas bil-miktub.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Dan il-kaz jikkoncerna glieda bejn l-imputat u missieru Joseph Degiorgio. Il-missier Joseph Degiorgio hafer lill-ibnu l-imputat ghal dak li gara, u l-ghada li ghamel ir-rapport ried iwaqqaf il-proceduri, pero peress li l-imputazzjonijiet huma prosegwibbli mill-pulizija *ex officio*, dawn il-proceduri baqghu

[1] A fol. 91 tal-process.

mixjin. Fil-fatt f'dawn il-proceduri, m'hemmx kontestazzjoni bejn Joseph Degiorgio, il-parti leza, u l-imputat dwar il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri, li huma s-segwenti:

1. L-imputat kien issepara *de facto* minn mal-mara tieghu ftit iktar minn sena qabel l-incident, u rega' mar jghix mal-genituri tieghu.
2. L-imputat kien ha sufan minghand il-genituri tieghu fid-dar matrimonjali tieghu, pero meta z-zwieg sfaxxa u l-imputat mar jghix mal-genituri tieghu, is-sufan hallih fid-dar matrimonjali. Missieru, li huwa l-kwerelant, talabulu kemm-il darba, pero l-imputat ma gabux lura in parte ghax kellu diffikulta biex igorru u in parte ghax tnikker.
3. Dak in-nhar tal-incident, l-imputat gie lura filghodu mix-xoghol ta' bil-lejl, u missieru mar fuqu jitolbu igib dan is-sufan.
4. F'hin minnhom il-missier beda jghajjar lill-imputat bil-fatt li z-zwieg tieghu sfaxxa, u f'punt minnhom l-imputat irrispondih lura ghal dak li kien qed jghidlu.
5. F'hin minnhom, il-missier qam minn fuq is-siggu, mar hdejn l-imputat li kien fil-kcina, biex jaggredieh u tah daqqa ta' ponn. Omm l-imputat dahlet bejniethom biex tipprova tifridhom. Fl-istqarrija, u fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid hu nqabad fil-kcina, ghax ma setghax johrog b'missieru fin-nofs, u bilfors kellu jaghmel resistenza lura sabiex missieru ma jkomplix itih.
6. Fl-istqarrija tieghu,[2] l-imputat jghid li hu ta daqqa ta' ponn lura u jaf li laqghat lill-missieru fin-nuccali. B'hekk huwa irnexxielu johrog mill-kcina u mar fis-salott. Fl-ewwel xhieda tieghu, missieru ukoll jghid li l-imputat tah daqqa ta' ponn f'ghajnejh ix-xellugija biex jiddefendi ruhu.[3] Fix-xhieda tieghu,[4] l-imputat jghid li hu imbotta lil missieru minn wiccu biex johrog mill-kcina, pero din il-Qorti, in vista anki tal-griehi sofferti mill-missier, hija tal-opinjoni li l-verzjoni korretta hija li l-imputat ta daqqa ta' ponn lill-missieru fuq ghajnu x-xellugija.
7. Kif ra d-demm ma wiccu, missieru iktar irvillha u qabad siggu biex jitfghu ghall-imputat, imma omm l-imputat zammitu. Izda imbaghad missieru irnexxielu jahrab lil ommu, li kienet qed tipprova izzommu, u rega' ta daqqa ta' ponn lill-imputat fix-xedaq, u fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid li irribatta lura.
8. Omm l-imputat regghet ippruvat izzomm lil missieru, u f'hin minnhom missieru waqa' fl-art, u l-glieda waqfet hemm.
9. Mhux kontestat li l-missier jiehu l-pilloli tal-warfina u ghandu gilda rqieqa.
10. Konsegwenza ta' din il-glieda l-missier soffra lacerazzjoni fuq ghajnejh ix-xellugija, lacerazzjoni taht ghajnejh ix-xellugija u tbengila madwar ghajnejh ix-xellugija. Dawn il-griehi

[2] A fol. 19 tal-process.
[3] Ara xhieda ta' Joseph Degiorgio a fol. 23 *et seq.* tal-process.
[4] Ara x-xhieda tal-imputat a fol. 70 tal-process.

gew deskritti bhala gravi *per durata* minn Dottor Robert Gauci, fic-certifikat mediku rilaxxat minnu.[5]

11. Mir-ritratti ezebiti a fol. 17 jirrizulta li l-missier sofra wkoll xi griehi f'idejh, pero Dottor Robert Galea xehed li jew ma irrealizzax jew ma gibdulux l-attenzjoni ghal feriti ta' jdejh, pero ma kienux jidhru li huma gravi.[6]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar Htija**

Din il-Qorti tikkunsidra li hemm zewg kwistjonijiet essenzjali li trid tiddeciedi fuqhom. L-ewwel kwistjoni hi n-natura tal-griehi sofferti minn Joseph Degiorgio, u fit-tieni lok jekk hemmx ir-rekwiziti ghall-iskriminanti tal-legittima difiza.

*In-Natura tal-griehi sofferti minn Joseph Degiorgio*

Fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2011 gie verbalizzat hekk: *"Il-partijiet jaqblu li l-griehi sofferti minn Joseph Degiorgio fl-incident in kwistjoni huma ta' natura hafifa."*[7] Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq din id-dikjarazzjoni kongunta, ghax din il-Qorti hija marbuta li tiddeciedi fuq il-fatti a bazi tal-provi migjuba quddiemha, u mhux a bazi ta' dak li l-partijiet jiftiehmu li huma l-fatti.

Kif jirrizulta mic-certifikat mediku, u anke mir-ritratti ezebiti konsegwenza ta' din il-glieda, il-missier Joseph Degiorgio soffra lacerazzjoni fuq ghajnejh ix-xellugija, lacerazzjoni taht ghajnejh ix-xellugija u tbengila madwar ghajnejh ix-xellugija. Dottor Robert Gauci xehed li kien hemm possibilita li l-lacerazzjoni tibqa' marka, pero mhux bil-fors.[8]

---

[5] Ara Dok JB a fol. 16 tal-process.
[6] Ara xhieda ta' Dottor Robert Gauci a fol. 31 tal-process.
[7] Ara fol. 92 tal-process.
[8] Ara xhieda ta' Dottor Robert Gauci a fol. 33 tal-process.

Dottor Gauci ezamina lil Joseph Degiorgio dak in-nhar li xehed, u cioe fid-9 ta' Jannar 2009 – hames (5) xhur wara l-incident – u qal li t-tbengila kienet telqitlu kompletament u ma kienx qed jara cikatrici.[9] Fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2015, din il-Qorti (diversament preseduta) ivverbalizzat illi *"qed thares lejn il-papa' tal-imputat, u almenu minn fejn qieghda l-Qorti ma hu qed jidher xejn f'wicc ix-xhud."*[10] Din il-Qorti (kif preseduta) ivverbalizzat fis-seduta tal-1 ta' Gunju 2011, li *"rat lil Joseph Degiorgio u kkonstatat li ma kellu ebda marka jew sfreggju fuq wiccu jew idejh."*[11]

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Paul Spagnol**, deciza fit-12 ta' Settembru 1996, il-Qorti tal-Appell Kriminali[12] irriteniet hekk: *"B'mankament (jew fit-test Taljan tal-ligi taghna, allura Articolo 222, "deformita") fil-wicc, il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament tal-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe peggioramento d'aspett notevole o complessivo, o per l'entita della alterazione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto." (Manzini, V., **<u>Trattato di Diritto Penale Italiano</u>**, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra, u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista ssir fir-<u>regolarita'</u> tal-wicc, fl-<u>armonija</u> tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-<u>sbuhija</u> tal-wicc. Skond gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma xulxin" (**<u>Il-Pulizija v. Emily Zarb</u>**, App. Krim., 15/2/58, Kollezz. Deciz. LXII.IV.1245, 1248). ... ... Kollox jiddependi mill-entita tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc."* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

In oltre fis-sentenza **Il-Pulizija v. Francis Dingli** deciza ukoll fit-12 ta' Settembru 1996, il-Qorti tal-Appell Kriminali[13] kompliet tispjega hekk: *"L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem, fosthom il-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dana l-mankament jew sfregju ikun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sieghat, granet, gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju ikun gravi **<u>u</u>** permanenti ikun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-Artikolu 218(1)(b). Ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) jekk hemmm sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt (f'dan il-kaz il-magistrat) u dan kien perfettament intitolat li jasal ghall-konkluzjoniji differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-qorti. L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-qorti tiddeciedi jekk offiza iggibx sfregju fil-wicc o meno irid jghaddi certu zmien halli wiehed jara <u>l-effetti</u> li thalli l-ferita in*

[9] Ara xhieda ta' Dottor Robert Gauci a fol. 34 tal-process.
[10] Ara fol. 86 tal-process.
[11] Ara fol. 90 tal-process.
[12] *Per* Imhallef Vincent DeGaetano
[13] *Per* Imhallef Vincent DeGaetano.

*kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga inghad, ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) sfregju, anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti ikunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju."*[14] (sottolinear u enfasi ta' dik il-Qorti)

Issa, kemm mid-deskrizzjoni tal-feriti fic-certifikat mediku, u iktar u iktar meta wiehed jara r-ritratti ezebiti, m'hemmx dubbju li l-effett li l-feriti hallew fuq il-wicc ta' Joseph Degiorgio jammontaw ghal sfregju, u ghalhekk jammontaw ghal ferita gravi. In oltre, skont ix-xhieda ta' Dottor Gauci stess, il-ferita tat-tbengila kienet gravi *per durata* ghax iddum bejn erba' (4) u sitt (6) gimghat biex tfieq.

Pero mix-xhieda ta' Dottor Gauci stess, kif fuq riprodotta, quddiem din il-Qorti, jirrizulta li dan l-isfregju ma kienx ghadu jezisti fil-mument li xehed, ghaliex skont ix-xhieda tieghu stess, it-tbengila fuq ghajn Joseph Degiorgio kienet telqet kompletament u ma kienx hemm sinjali ta' cikatrici. Hekk ukoll gie verbalizzat minn din il-Qorti, (kif diversament preseduta u kif preseduta).

L-imputat u missier u omm l-imputat, Mary Degiorgio, jaghmlu enfasi kbira fix-xhieda taghhom, li l-missier Joseph Degiorgio jiehu l-medicina Warfarina, li konsegwenza taghha huwa jitbengel malajr. Dottor Degiorgio ukoll xehed li jekk bniedem jiehu l-Warfarina, ma l-inqas daqqa jkollu tbengila sostanzjali.[15] Mix-xhieda tad-difiza jirrizulta wkoll li Joseph Degiorgio kellu gilda rqieqa.

Fil-ktieb tieghu, **Notes on Criminal Law**, il-**Professur Anthony J. Mamo** jghid hekk: *"To constitute the crime of wilful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely "animus nocendi", the generic intent to cause harm, without requiring necessarily an actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues. <u>In other words, it is not essential that the intention was to produce the full degree of harm that has actually been inflicted. ... ... Therefore, in the case of bodily harm, if the intent of the doer is to injure, he will answer for the harm actually caused, in application of the principle "dolus indeterminatus determinatur ab exitu.</u>"*[16] (sottolinear ta' din il-Qorti).

[14] Ara wkoll fl-istess sens **Notes on Criminal Law** ta' **Prof. A.J.Mamo** a fol. 228.
[15] Ara xhieda ta' Dottor Robert Gauci a fol. 34 tal-process.
[16] Pagna 225.

In oltre, meta l-**Prof. Mamo** jittratta l-Artikolu 219 (gia 233) tal-Kodici Kriminali li jitkellem fuq tnaqqis fil-pieni kontemplati ghal feriti gravi imsemmija fl-artikoli 216 u 218, f'kaz ta' kawża aċċidentali li tinqala' wara, huwa jghid hekk *"Any antecedent disease which may have contributed to make grievious any injury which in a healthy person would not have produced such serious result, will not, therefore, avail the offender."*[17] (sottolinear tal-awtur).

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, il-fatt li Joseph Degiorgio kien jiehu il-Warfarina u kellu gilda rqieqa, u konsegwentement il-feriti kienu ikbar milli kienu jkunu f'ragel normali, ma jista' jkun tal-ebda beneficcju ghall-imputat fil-kuntest tal-piena ghal offiza gravi taht l-Artikoli 216 tal-Kodici Kriminali.

Ghaldaqstant, il-Qorti qed issib lill-imputat hati li ikkaguna ferita gravi lil Joseph Degiorgio ai termini tal-Artikolu 216(1)(b) u (d) tal-Kodici Kriminali.

*L-Iskriminanti tal-Legittima Difesa*

Kemm fl-istqarrija tieghu, kif ukoll fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid li huwa kellu jiddefendi ruhu, ghaliex missieru aggredih u kien diga tah daqqa ta' ponn u kien se jkompli jtih kieku ma harigx mill-kcina, u l-unika mod kif seta' johrog mill-kcina kien billi jimbotta lil missieru li kien qed jinbarra l-bieb tal-kcina.

L-Artikolu 223 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi:

*"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna ... ... huma mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor."*

[17] Pagna 231.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali[18] fis-26 ta' Awissu 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Augusto Auguliaro** gie ritenut illi: *"Mhux kull minnn "jagixxi biex jiddefendi ruhu" necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-ligi titkellem car dwar il-"bzonn attwali ta' difiza legittima" ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna hu ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka dina l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli."* (sottolinear ta' dik il-Qorti)

Ghalhekk id-difiza trid tkun saret sabiex jigu evitati konsegwenzi li jekk javveraw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lill-imputat, jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tal-imputat jew ta' haddiehor. L-imputat irid jipprova li dak li ghamel ghamlu, stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita il-perikolu li ma setax jigi evitat b'mod iehor. Jigifieri l-perikolu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel, ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu irid ikun ukoll assolut, cioe li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u s-sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw li mhux bizzejjed li wiehed jghid x'seta' ghamel jew xi jmissu ghamel l-imputat, qabel ma ha l-azzjoni in difiza bl-uzu tal-forza. Kif jghid il-**Professur Mamo** *"the danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li huwa kien fil-kcina u sefa' aggredit minn missieru li tah daqqa ta' ponn. Huwa jghid hekk *"Nghid ukoll li, dak il-hin, jiena inqbadt fil-kcina u ma stajtx inkompli nhallih jaghtini u bil-fors kelli naghmel rezistenza lura. Dak il-hin, jiena tajtu bil-ponn lura u naf ilqattu fin-nuccali. Niftakar li, dak il-hin, jien hrigt mill-kcina u giet ommi."*[19] Fix-xhieda tieghu, imbaghad l-imputat jghid hekk: *"... ... (K)ont bil-wieqfa fil-kcina jiena. ... ... jigifieri ma stajtx nohrog jiena minn imkien ghax hu dahal minn fejn tidhol ghall-kcina qed tifhem u wara l-kcina toilet hemm u taghlaq qed tifhem ... ... Hasadni. Mhux ser inhallih jaghtini dan ifhem ghax dan jaghtini daqqa iwegghek, imbuttajtu hux. ... ... Hassejt daqqa ta' ponn. Imbuttajtu jiena biex nohrog minn fejn kont ghax hu ma nistax nafdah lilu jiena. Imbuttajtu minn wiccu, minn idejh hekk biex nohrog. Ovja hux mhux ser inhallih jaghtini. Hrigt minn hemm hekk. Baqa' jigri warajja. Iktar irvilla. Kien bin-nucali hu. Gejna f'kuntatt ahna."*[20]

[18] Mill-Imhallef Vincent De Gaetano, Vol. LXXXII-Part 4- pag. 294
[19] Ara fol. 19 tal-process.
[20] Ara fol. 69-70 tal-process.

Omm l-imputat, Mary Degiorgio, xehdet hekk li malli r-ragel taghha qam biex jagredixxi lill-imputat, hi marret tigri go nofshom: *" ... ... Mar qisu ljun ghalih. ... ... Noel fil-kcina baqa'. Qas seta' jiccaqlaq mill-kcina ghax kcina zghira u kamra tal-ikel u hekk. Lanqas seta'. Ma setax johrog bih zgur. Pero imbaghad jigifieri xi haga gara. Ghax imbaghad tarli n-nuccali jiena. Ir-ragel gie bla nuccali wkoll ... ...*"[21]

Minn din ix-xhieda huwa car, li l-imputat safa inaspettativament vittma ta' aggressjoni ingusta u gravi minghand missieru, u l-imputat inqabad fil-kcina, u ma setax jevita din l-aggressjoni hlief billi jiddefendi ruhu u jwarrab lil missieru minn quddiem il-bieb tal-kcina, sabiex ikun jista' johrog. L-imputat kellu ragun jibza' mill-aggressjoni ta' missieru, ghax kif intqal iktar il-fuq, wara li hareg mill-kcina, missieru ipprova jgaralu siggu, u imbaghad missieru rega' mar biex itieh fis-salott u fil-fatt tah daqqa ta' ponn ohra. Kien biss bl-intervenzjoni tal-omm, Mary Degiorgio, li din il-glieda waqfet, u ma hallietx konsegwenzi iktar serji.

Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, l-imputat kien gustifikat li jagixxi b'dak il-mod, u cioe billi jaghti daqqa ta' ponn lil missieru sabiex legittimament jiddefendi lilu innifsu, u icaqlaq lil missieru minn quddiem il-bieb tal-kcina sabiex ikun jista' johrog. Huwa veru li wiehed jista' jargumenta li l-imputat ma messux ta d-daqqa ta' ponn fuq ghajn missieru, iktar u iktar meta dan kien liebes in-nuccali, pero kif jghallem **Prof. Mamo**, wiehed ma jridx jara l-perikolu oggettivament kif kien, imma kif rah l-imputat dak il-hin, u dak il-hin l-imputat ra lil missieru *"qisu ljun"* – kif xehdet ommu – lest biex ikompli jaggredih.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, kif elenkati fin-nota tar-rinviju ghal-gudizzju tal-Avukat Generali, u qieghda tilliberah minnhom.

[21] Ara xhieda ta' Mary Degiorgio a fol. 78 tal-process.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------